MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 1030/2005

Andrew u Doris konjugi Sultana
vs
Buxom Poultry Limited u Flock Hatchers Company Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi li biha ppremettew:

Illi l-atturi kienu kredituri tal-konvenuti fl-ammont ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000) bilanc minn somma akbar rapprezentanti bejgh ta’ broilers lis-socjetajiet konvenuti li kien sar fil-perjodu bejn it-2 ta’ Dicembru 2004 u t-3 ta’ Marzu 2005; u

Illi dan id-debitu kien ghadu dovut mis-socjetajiet konvenuti fl-intier tieghu; u

Illi dan id-debitu kien cert, likwidu u dovut, fil-fehma tal-atturi, is-socjetajiet konvenuti ma kellhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talba tal-atturi ghall-hlas tal-ammont imsemmi; u

Illi ghalkemm is-socjetajiet konvenuti kienu gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghall-hlas, kienu baqghu inadempjenti.

L-atturi talbu lill-Qorti:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ tmint elef lira Maltin (Lm8,000) rapprezentanti bejgh ta’ broilers.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali kontra s-socjetajiet konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Anglu Farrugia ghall-atturi u Dr. Joseph Arrigo ghas-socjetajiet konvenuti pprezentaw nota konguntiva li biha ddikjaraw li s-socjeta` Flock Hatchers Company Limited m’ghandhiex x’taqsam u ghalhekk l-atturi ma ghandhomx interess kontra taghha fil-kawza.

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Joseph Arrigo pprezenta nota ta’ ammissjoni ghan-nom tas-socjeta` Buxom Poultry Limited.

Rat illi l-partijiet qablu li l-ezekuzzjoni ma ssirx qabel tliet xhur mil-lum.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-talba tal-atturi tidher gustifikata fil-konfront tal-Buxom Poultry Limited u ghalhekk il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-art. 167 ***et seq*** tal-Kap. 12, fuq ammissjoni tas-socjeta` Buxom Poultry Limited, tikkundanna lill-istess socjeta` ` Buxom Poultry Limited thallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef lira Maltin (Lm8,000) rapprezentanti bejgh ta' broilers, filwaqt li tillibera lis-socjeta` Flock Hatchers Company Limited mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti takkorda tliet xhur zmien mil-lum ghall-hlas.

Spejjez kontra Buxom Poultry Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------